MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 327/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND ANASTASI**

**VS**

**JOSEPH CASSAR**
**KEVIN CASSAR**
**GORDON CASSAR**
**STEPHEN CASSAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 700553M; Kevin Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 490278M; Gordon Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 406084M u Stephen Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 406184M.

**Akkuzati talli:**

F'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Marzu 2005 ghal-habta tas-saghtejn ta` wara l-ikel gewwa Triq ix-Xitwa, Hal-Qormi:

1. Ikkagunaw feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Romano Cassar skond ma ccertifika Dr. A. Agius MD mill-'Qormi Health Centre';

2. Talli fl-istess data, hin u lok ikkagunaw feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Ivan Cassar skond ma ccertifika Dr. A. Agius MD tal-'Qormi Health Centre';

3. Talli fl-istess data, hin u lok hebbew kontra l-persuni ta` Romano u Ivan Cassar;

4. Talli fl-istess data, hin u lok ingurjaw u heddew lil Romano u Ivan Cassar;

5. Talli fl-istess data, hin u lok qalu kliem oxxen fil-pubbliku u talli fl-istess data, hin u lok volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U fl-ahhar talli fl-istess data, hin u lok, Gordon Cassar wahdu akkuzat talli kkaguna hsara volontarja fuq vann Toyota bin-numru tar-registrazzjoni AAI 083 liema hsara tammonta ghal mija u sebgha u sebghin Lira maltin (LM177) ghad-dannu ta` Romano Cassar.

Rat id-dokumenti kollha esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` L-Artikoli 216 (1) (d), 221 (1), 339 (d), 339 (e), 338 (bb). 338 (dd) u 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza, numru 327/2005 ilha tinsab ghas-sentenza mit-18 ta` Mejju 2010. Din tittratta dwar tilwima bejn zewg ahwa u s-subien taghhom dwar bieb li qieghed bejn il-proprjetajiet rispettivi taghhom. Jidher illi illum il-pendenzi civili kienu gew solvuti. Mhux biss imma wkoll Joseph Cassar, wiehed miz-zewg ahwa litigjuzi, miet duranti l-mori tal-kawza u, ghalhekk, fil-konfront tieghu, dwar il-Qorti qed tiddikjara procediment ezawrit. Hemm il-fatt ukoll li dan l-incident ilu pendenti mis-sena 2005 jigifieri seba` snin ilu.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza waqt li ma hija affattu xejn influwenzata mix-xhieda taz-zewg imputati li xehedu f'dawn il-proceduri. Hemm ukoll ir-ritratti ta` Romano Cassar li gew ezebiti u li jitkellmu wahedhom. Il-Qorti m'ghandha xejn iktar xi tghid!

L-ewwel tlett imputazzjonijiet jirrizultaw kontra t-tlett imputati rimanenti. Ir-raba` imputazzjoni, wahedha, tirrizulta fil-konfront ta` Gordon Cassar.

Dina il-Qorti ssib lill-imputat, Gordon Cassar, hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal hmistax-il (15) xahar ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigward l-imputati Kevin Cassar u Stephen Cassar, dina l-Qorti ssibhom hatja u ghaldaqstant tikkundanhom sena (1) prigunerija sospiza ghal sena (1) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Garanzija li ma jinsulentawx jew jimmolestaw lil xulxin taht penali ta` elf ewro (€1,000) kull wiehed fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------